# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tlieta 30 ta' Lulju, 2019**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 879/19TA**

**Giovanella Despott I.D. 346281(M)**

**vs**

**Rebecca Attard Montalto I.D. 101596(M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Giovanella Despott tal-5 tal-Lulju 2019;

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Lulju tal-2019;

Rat ir-risposta ta' Rebecca Attard Montalto tad-19 ta' Lulju 2019;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet ix-xhieda ta' Rebecca Attard Montalto fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2019;

Semghet lill-abbli difensuri jitrattaw ir-Rikors fis-seduta imsemmija;

Rat li r-Rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tibda biex tagħmilha ċara li tintlaqa' jew ma tintlaqax talba għall-ħrug tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat jew intilef (ara **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti deċiża fil-31 ta'Jannar 2011 per Onor Imħallef J. Zammit McKeon**). Fi ftit kliem, dak li ser jingħad f'dan id-digriet, għandu biss valur ai fini ta' **dawn** il-proċeduri. Iġifieri, kemm jekk jintlaqgħu t-talbiet tar-Rikorrenti u kemm jekk le, is-sustanza tal-pretensjonijiet rispettivi tal-partijiet f'dawn il-proċeduri għad trid tkun ikkunsidrata *ad funditus* minn dik il-Qorti li ġiet adita biex tikkunsidra l-mertu propju.

Sabiex il-Qorti waslet għall-konklużjonijiet tagħha eżaminat il-provi kollha li tressqu ai fini ta' dawn il-proċeduri. Qieset fost oħrajn diversi fatturi, bħal ma hija l-mewt ta' Donald Despott xhur biss wara li saru d-donazzjonijiet. Fliet il-kuntratti ta' donazzjonijiet f'kull aspett tagħhom. Ikkunsidrat ukoll, anke minn dak li ġie premess, li kemm fir-Rikors odjern u kif ukoll fil-Kawża li biha r-Rikorrenti ddeduċiet il-pretensjonijiet tagħha, ir-raġuni li għaliha qed titlob it-tħassir tad-donazzjonijiet imsemmija hija dik tal-allegata ingratitudni lejn ir-Rikorrenti biss, dwar liema allegazzjoni l-partijiet għandhom verżjonijiet kontrastanti.

Wara li ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ, din il-Qorti tħoss, li jissussistu l-elementi skont il-liġi sabiex preventivament jinħareg il-mandat ta' inibizzjoni mitlub. Qieset pero', li fiċ-ċirkostanzi, u f'dan l-istadju tal-proċeduri, ikun ġust li għandu jinħareg il-mandat ta' inibizzjoni limitatament u biss għan-nofs indivis tal-propjeta' indikata fir-rikors.

Din il-kwota qed tiġi ffissata biss ai fini ta' dawn il-proċeduri u mingħajr ebda rifless fuq kwalunkwe interess o meno li jista' jkollha ir-Rikorrenti fuq il-propjeta' inkwistjoni. Pero', fiċ-ċirkostanzi ai fini ta' dawn il-proċeduri, mad-daqqa t'għajn jidher, li l-jedd li għandha dritt tipproteġi r-Rikorrenti huwa suffiċjentement ikkawtelat b'dan il-mod. Iżda kif diġa' intqal aktar 'l fuq, x'xorta ta' interessi li jista' għandha r-Rikorrenti fl-imsemmija propjeta' u jekk jesistux l-elementi ta' ingratitudni kif qegħdha tippretendi, huwa eżami li jrid isir fil-fond minn dik il-Qorti li ġiet adita biex tiddeċiedi fuq il-mertu, anke fid-dawl tal-kontestazzjoni u eċċezzjonijiet, li jistgħu jingħataw mill-parti l-oħra fil-kawża propja.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija l-Qorti, fil-waqt li qed **tikkonferma** d-digriet provvisorju tagħha tal-5 ta' Lulju 2019 bil-limitazzjonijiet hawn imsemmija, qegħdha tipprovdi definittivament dwar ir-Rikors, **billi tilqa'** t-talba tar-Rikorrenti fir-rikors tagħha tal-5 ta' Lulju 2019, b'dana li din it-talba qed tintlaqa' limitatament u fir-rigward biss, tan-nofs indivis tal-proprjeta' kollha imsemmija fid-dokument A (a' fol 2 tal-proċess).

Il-Qorti qegħdha tordna li dan id-digriet jiġi notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet sabiex jagħmlu dak li jispetta lilhom skont il-ligi.

Spejjes ta' din il-proċedura jibqgħu riservati għal mal-ġudizzju finali dwar il-mertu.

**Mogħti kameralment illum, 30 ta' Lulju, 2019.**

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**